Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, numru tlettax (13) li nżammet nhar l-Erbgħa, 9 ta' Lulju, 2025 fil-5.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Cruas | Sindku |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

13.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** Presedenza

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus. Din bdiet bi quorum iffurmat mill-ewwel ħames persuni indikati hawn fuq.

13.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta preċedenti** Minuti

Il-minuti tas-seduta numru tnax kienu mgħoddija lill-kunsillieri ħamest ijiem qabel il-laqgħa mal-agenda, kienu meħuda bħala moqrija, ġew imressqin għall-Vot mis-Sindku u ssekondati mis-Sa Charmaine Balzan u approvati unanimament b'korrezzjoni żgħira f'punt eżattament wara it-12.08 fejn is-Sur Nazju Cassar qal li fis-seduta preċedenti hu kien daħal fis-6.55pm għal laqgħa tal-11 ta' Ġunju u mhux fis-6:30pm. Din kienet l-unika korrezzjoni.

**Punti mil-Minuti**

13.02.01 Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku tkellem fuq l-Espressjoni ta' Interess dwar l-*Alto Reliev* ta' Emanuele Vitale. Hu qal li minkejja li għandna żewġ proposti u mhux tlieta, xorta waħda għandna mmexxu fuqhom u naraw ta' min hija l-aħjar waħda. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-SE se jibgħat kopja tad-diżinni filwaqt li is-Sur Rudolph Grima qal li l-aħjar hu li l-artisti jagħmlu abbozz. Nistgħu ngħidu wkoll lil grupp ta' artisti biex jagħżlu l- Alto Reliev

aħjar abbozz li se jintalab mil-Kunsill u fuq il-bord se jkun hemm is-Sur Rudolph Grima bħala membru.

L-espressjoni ta' interess tal-presepju se terġa' toħroġ minkejja li għall-ewwel sejħa kien hemm rispons minn persuna waħda li kienet tiżboq is-€26,000.00 — Presepju

* Is-Sur Norbert Grech daħal għal-laqgħa fis-6.05 pm

** Is-Sur Matthew Chetcuti, l-Viċi Sindku daħal fis-6.10 pm

13.03 **Ċedola tal-Pagamenti** — Ċedola tal-Pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 371 kienet approvata unanimament u qabel ma jitħallas item 790 se naraw jekk l-ammont hux għall-ispiża tat-tabelli jew inkella hemm xi affarijiet oħrajn.

13.04 **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi** — Ċedola tax-xogħlijiet u xiri

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 88 kienet approvata unanimament.

13.05 **Mozzjoni: Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza tal-Iżvilupp** — Mozzjoni

Din il-mozzjoni kienet imressqa mis-Sur Nazju Cassar u ssekondata mis-Sur Rudolph Grima.
Is-Sur Nazju Cassar qal li l-Kunsill ilu jitkellem dwar dan il-bżonn filwaqt li s-Sur Rodolph Grima qal illi hu kuntent bir-Rabat kif inhu bħalissa b'bilanċ bejn il-komunità residenzjali imħallta mal-komunità kummerċjali, NGOs, għaqdiet etc. Pero' jista jkun li jekk ma noqgħodux attendi, is-sitwazzjoni tiddegrada u ma jibqax sostenibbilità. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi filwaqt li jirrikonoxxi li l-mozzjoni ma titlobx il-finanzjament tal-Kunsill, wieħed irid jara jekk il-Gvern għamilx tali studji diġà, għaliex jirriżulta illi dan hu replika tal-istudji tar-Reġjun Punent, li wkoll jinkorpora l-Kunsill Lokali tar-Rabat, peress li dawn kienu iffinanzjati mil-Gvern għal-*Impact Assessment*.

13.06 **L-Attività Kulturali Minn Pjazza għal Pjazza** — Minn Pjazza għal Pjazza

Is-Sa Charmaine Balzan tat rendikont ta' x'hemm ippjanat għal nhar is-Sibt, 12 ta' Lulju 2025. Hija qalet illi wara diversi laqgħat kemm mad-direttur artistiku kif ukoll mal-organizzatur is-Sur Sander Agius, issa hemm kollox f'postu. Għad fadal ftit affarijiet pendenti bħall-Gwardjani Lokali, l-Abbulanza tar-Red Cross, notifiki tan-no parking ħlasijiet li se jsiru biex ikun hemm boost tal-promozzjoni fuq is-social media (€500) ecc. Hija talbet lill-kunsillieri biex jagħmlu *share* fuq is-*social media* u hemm ċans li jiġu mill-OPM għall-attività jew biex isegwu l-preparamenti għaliha. Is-Sa Balzan semmiet il-*karaoke booth* li se titpoġġa fuq iz-zuntier, il-*community police*, u l-logħob kollu li se jkun *live*

*size*. Aktar tard kienet approvata n-nefqa addizzjonali li se ssir fuq *uplighters* għal ammont ta' €450. Din mhix se tkun irkuprata mid-Dipartiment Gvern Lokali għaliex hija *extra over expense*. Hija qalet illi fil-bidu konna bagħtna stedina għall-għaqdiet kollha u kien hemm min laqagħha u hemm oħrajn li ma rrispondewx jew ma jistgħux ikunu preżenti.

13.07 **Ġieħ (Jum ir-Rabat) 2025** — Jum ir-Rabat

Is-Sa Charmaine Balzan qalet illi f'Jum ir-Rabat se jingħataw ċertifikati lill-ħames mentors tal-Kunsill Lokali tat-Tfal filwaqt li tat rendikont ta' x'hemm lest bħala preparamenti. Hija qalet illi wara li ntagħżlu l-istimi mil-fornituri li taw l-orħos waħda, dan l-avveniment issa laħaq il-€11,500. Hija ddeskriviet fid-dettall ix-xogħol li qed jitħejja u talbet il-*guest list* lis-SE kif ukoll il-konferma mingħant Fr Gerald Bonello li għad m'għandniex għaliex dan ġej Malta għall-aħħar ġimgħa ta' Awwissu mill-Missjoni.

13.08 **Agreement – lift tal-passiġġieri tal-Kunsill** — Lift tal-Passiġġieri

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikkunsidra dan l-agreement ta' manutenzjoni u prevenzjoni u kien hemm mhux biss qbil unanimu li jiġi ffirmat iżda l-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti qal li hu obbligu tagħna li f'post pubbliku inħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u l-pubbliku in ġenerali.

13.09 **Ġbir ta' skart tad-djar bil-lejl** — Ġbir ta' skart domestiku

Dwar dan is-suġġett kien hemm reazzjoni imħallta. Is-SE inkoraġġixxa lill-kunsillieri jimlew il-kwestjonarju li nieda r-Reġjun Punent u intqal mis-Sur Nazju Cassar li tal-iscammel qed iwaħħal it-traffiku fiċ-ċentru tar-Rabat kull filgħodu, filwaqt li hemm postijiet fejn per eżempju il-Baħrija m'hemmx problemi ta' traffiku. Ovjament wieħed jistenna fil-karozza wara l-iscammel filwaqt li jkun għaddej jiġbor l-iskart per ezempju fi Triq Gorg Borg Olivier, hu ta' dwejjaq daqs kemm ikun ta' dwejjaq li tkun qed tiekol fuq barra ta' xi ristorant fil-għaxija u jgħaddi dak il-ħin minn quddiem l-ikel fil-platt il-kollettur tal-iskart.

13.10 **Ġita Lourdes** — Ġita f'Lourdes

Ma kienx approvat is-suġġeriment tas-Sindku, is-Sur Sandro Craus biex issir ġita f'Lourdes f'Ottubru għal prezz ta' €800 ir-ras.

13.11 **Talba għall-għajnuna finanzjarja – Natalis Notabilis** — Natalis Notabilis

Kien hemm qbil li se jkun hemm għajuna finanzjarja biex tkun organizzata l-attività Natalis Notabilis. S'issa ma kienux

ippreżentati budgets għaliha u lanqas nafu min se jkunu s-suppliers.

13.12 **Rapport Finanzjarju Q1** Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart

Ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart kien imressaq għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kien issekondat mis-Sur Paul Grech. Dan kien approvat b'vot unanimu wara li kien innotat surplus ta' €101,610.00

13.13 **Rabat Sacrum 2025** Rabat Sacrum

Is-Sur Rudolph Grima ta rendikont tal-attività kulturali futura u qal li kienu organizzati diversi laqgħat ma' NGOs fosthom mal-management ta' Santu Spirtu, *Wignacourt Museum* u oħrajn. Irnexxielna inġibu fondi mill-MTA, Ministeru tal-Inkluzjoni u l-Volontarjat u qed isiru laqgħat darba fil-ġimgħa mal-Event Co-ordinator. Dwar il-Wignacout Museum, il-biljett tad-dħul se jkun ta' €3 kull persuna u iwwejvjaw lump sum ta' €1,200 bħalma se jkun ukoll ta' €3 kull persuna l-entratura fis-siti ta' *Heritage Malta* fejn se jkun hemm Rabat by Candlelight. Hu qal li se jkun hemm re-enactment tal-aħħar Gwerra Mondjali aħjar minn dik tal-Franċiżi tas-sena l-oħra u se jerġa' jiltaqa' mas-Soċjetajiet Mużikali biex ikun finalizzat il-programm tal-20 u l-21 ta' Settembru, 2025. S'issa għadhom ma kienux preżentati l-budgets.

13.14 **SPI/SCI/7/2025 - Skema Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità** Tneħħija ta' Parkeġġ mill-Pjazza tal-Parroċċa.

Il-Kunsill ikkunsidra l-proposta tas-Sindku, is-Sur Sandro Craus biex il-Pjazza tal-Parroċċa jitneħħielha il-parkeġġ kollu li fiha permezz ta' qsari tal-ħaġar li fihom se jitħawwlu xtieli u arbuxxelli. L-Istima ta' €106,766.00 kienet approvata unanimament u l-Kunsill Lokali tar-Rabat unanimament qabel li jħallas il-parti ta' ko-finanzjament.

13.15 **Punti Oħra**

13.15.01 Is-Sur Norbert Grech talab biex jiġi rinfriskat il-*continuous white centre line* ta' Triq is-Sajf ta' San Martin għaliex dan telaq maż-żmien. Se ssir talba biex Infrastruttura Malta twaħħal cats' eyes f'din it-triq biex tiġi aktar viżibbli għas-sewwieqa. Triq is-Sajf ta' San Martin

13.15.02 Is-Sur Norbert Grech talab sabiex tinkines Triq Cosmana Navarra għaliex qal li għadha maħmuġa minn wara l-festa bil-karti li tefgħu mil-galleriji ecc. Tindif ta' Triq Cosmana Navarra

13.15.03 Is-Sa Charmaine Balzan talbet biex isir użu mis-sala tal-Kunsill mill-Kunsill Lokali tat-Tfal nhar il-11 ta' Awwissu fl-4.30pm. F'Awwissu, dawn mhux se jkunu jistgħu jiltaqgħu fiċ-Ċentru Kunsill Lokali tat-Tfal

Għajn f'Għajn Qajjet u se jkunu qed jagħmlu l-laqgħa fil-Muniċipju.

13.15.04 Is-Sur Nazju Cassar talab biex titwaħħal is-sleeping policeman fi Triq il-Merħliet ġaladarba inxtraw u qiegħdin fl-imħażen tagħna u hemm approvazzjoni ta' TM. Sleeping Policeman

13.15.05 Is-Sur Nazju Cassar ta d-dettalji dwar ix-xogħlijiet ta' bankini u kurduni mas-*Central Strips* li qed isiru mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet f'Tal-Virtù. Hu qal li qed isegwi dawn ix-xogħlijiet mill-qrib. Tal-Virtù

13.15.06 Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar il-grupp li kien qed jaqta' l-ħaxix selvaġġ mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fl-inħawi ta' Triq taċ-Ċawla. Hu qal li dawn waqqfu fid-19 ta' Ġunju u xtaq li l-KLR joħroġ *default notice* fuq dan id-dipartiment kif ukoll noħorġu tender oħra tal-Qtugħ tal-Ħaxix. Żied jgħid illi l-qtugħ tal-ħaxix selvaġġ f'Għar Barka ma sarx sew għaliex dan tħalla hemmhekk bil-konsegwenza li se jinġarr fil-gandott tal-ilma tax-xita u jimblokka is-sistema tal-istorm water. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li bħalissa qed jinqata' l-ħaxix selvaġġ fil-Baħrija, u s-Sur Paul Grech qal li fadal li jinqata' dak tad-Dwejra, l-Ħamri u l-Imtaħleb. Qtugħ tal-ħaxix selvaġġ

13.15.07 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri li qed jingħata t-tarmak fi Triq Mons Ġużeppi De Piro u Triq Affreski u dalwaqt se tkun qed tingħata lant Triq il-Fidloqqom. Tarmac

13.15.08 Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku qal li qed nistennew minn *Identità Malta* dwar is-servizz li tlabna biex ir-ritratti tal-karti tal-indentità isir it-tiġdid tagħhom, mill-uffiċċju tagħna stess. ID cards

13.15.09 Is-Sa Graziella Brincat talbet biex tagħmel użu mis-sala tal-Kunsill mill-anzjani biex jagħmlu attività imsejħa Upcycle Workshop ħalli minn drapp użat iħitu basktijiet tad-drapp. Hija se tagħti d-data aktar tard. Basktijiet tad-drapp

13.15.10 Is-Sur Rudolph Grima staqsa dwar l-għeluq ta' toroq fl-inħawi tal-lukanda Verdala. Is-SE qal li x-xogħol hu ta' tarmak u ma konniex konsultati dwar kif se jaħdmu u minn fejn kienu se jingħalqu t-toroq. Tarmac fl-inħawi tal-lukanda Verdala

13.15 **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Din il-laqgħa spiċċat fit-20:15 filwaqt li d-data tal-laqgha li jmiss se tkun nhar is-6 ta' Awwissu 2025 fil-5.30pm.

| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
|---|---|

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 6.8.25 minn Sandro Craus

| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |
|---|---|